# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.5

**Kap 1: Jien u l-Oħrajn**

**Lezzjoni 1.5– Min għandu ħafna ... u min xejn!**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu bil-bżonn tan-nuqqas ta' ħela fl-ikel u fil-gugarelli.
2. Jiddiskutu x'għandhom jagħmlu biex dan jitnaqqas jew ma jsirx.
3. Jagħrfu li hemm nies differenti bi bżonnijiet differenti fl-ambjenti tagħhom u anke 'l bogħod minnhom fejn jidħol ikel u għejxien.




**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Videoclip : *Poverty and Hunger*

  https://www.youtube.com/watch?v=TdjN10Gx4G4&spfreload=10

- Kant: *Heal The World*

  https://www.youtube.com/watch?v=Xv1v8Addsgs&spfreload=10

- Karta ta' Taħriġ 1.5 – mill-Ktieb

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

1. Stiedem lit-tfal jisimgħu l-istorja *Frott Ħelu.*
2. Qabbel il-karattri tal-istorja mas-sitwazzjoni tal-lum. It-tfal huma n-nies foqra filwaqt li l-ġenituri huma n-nies sinjuri. Is-saħħara hija l-mexxejja tal-pajjiżi li ma jagħrfux iqassmu l-ġid sew bejn il-fqir u s-sinjur. Din is-sitwazzjoni narawha ħafna fil-pajjiżi li għadhom qed jiżvilluppaw.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l-video clip *Poverty and Hunger* . It-tfal jaqsmu ma' xulxin x'laqathom mill-video.
2. Uri l-poster dwar il-faqar u tajjeb li jiġi diskuss il-ħela kemm hu ikrah.
3. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.5 u ssir spjega tas-silta li hemm.
4. Iddiskuti mat-tfal x'jaħlu huma u allura jimlew Attività 1.
5. Ħalli lit-tfal, jekk trid, jimlew weħidhom Attività 2 u wara ddiskuti magħhom biex tkun ċerta li kulħadd immarka t-tajjeb.
6. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt tal-kruha fil-ħela tal-ilma.
7. Spiċċa l-lezzjoni bil-kant: *Heal The World.*



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-faqar u t-tbatija li jeżiżtu fid-dinja huma kollha tort tar-regħba ta' min qiegħed imexxi.
2. Alla ħalaq ikel għal kulħadd imma l-bnedmin mhux dejjem iqassmu dan l-ikel l-istess għal kulħadd.
3. Ħafna drabi s-sinjur ikompli jistgħani u l-fqir ikompli jitfaqqar.
4. Ma naħlux ilma għax meta naħli jien xi ħaddieħor qed ibati minħabba dan il-ħela.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jagħtu kas xulxin u mill-mod kif jgħixu ma jaħlux ikel, ħwejjeġ u ġugarelli imma kemm jistgħu jerġgħu jużawhom jew jirriċiklawhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Videoclip : *Poverty and Hunger*
  https://www.youtube.com/watch?v=TdjN10Gx4G4&spfreload=10

- Kant: *Heal The World*
  https://www.youtube.com/watch?v=Xv1v8Addsgs&spfreload=10



**Nitolbu**

Mulej, aħfrilna meta ma wżajniex b'mod għaqli l-ġid li tajtna, u ta' kemm ħlejna meta stajna nerġgħu nużaw. Aħfrilna ta' kemm-il darba ma bżajniex għad-dinja sabiħa li inti tajtna.

